# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru : 35**
**Rikors Guramentat Numru : 214/2017/LSO**

**Katrina Schembri (li ghandha l-karta tal-identita` bin-numru 40983(M)) bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Josef Hamid Awad li twieled fid-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Katrina Schembri (li ghandha l-karta tal-identita bin-numru 40983(M) bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Josef Hamid Schembri Awad li twieled fid-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) datat 8 ta' Marzu 2017 fejn ikkonfermat :

Illi fid-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) twieled Josef Hamid Awad u gie registrat bl-isem ta' "Josef Hamid Schembri Awad", u dana kif jidher mill-att tat-twelid tieghu li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkat bhala **Dokument KS1,** numru disgha mija u disgha u sebghin (979) tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) deciza fit-28 ta' April 2016, l-esponenti giet affidata permanentament bil-kura u kustodja tal-minuri msemmi, kopja tas-sentenza annessa bhala **Dokument KS2** u certifikat li ma sarx appell anness u mmarkat bhala **Dokument KS3**;

Illi minn twelidu l-esponent ghalkemm registrat bl-isem "Josef Hamid Awad" dejjem kien jissejjah bl-isem "Josef", u dan l-isem intuza fil-konfront tieghu mhux biss mill-familjarji tieghu izda anki minn konnoxxenti tieghu u sahansitra minn dirigenti tal-iskola fejn kien jattendi u minn shabu kollha;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza l-esponent kien u ghadu konsistentement jissejjah bl-isem "Josef" u mhux

bl-isem "Joseph Hamid", u ghaldaqstant qed jintavola dawn il-proceduri *ai termini* tal-artikolu 253 sub-artikolu (2), (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrent *nomine* huwa maghruf bl-isem 'Josefi' (recte "Josef") u dan kif jirrizulta mid-dokument esebiti u elenkati fl-elenku hawn mmarkat bhala Dokument JS u d-dokumenti ta' mieghu;

Illi peress li fic-certifikat ta' twelid Josef ghandu wkoll l-isem Josef Hamid Awad, fir-rassenja tal-iskola isejhulu bhala 'Josef Hamid' u b'konsegwenza ta' hekk huwa jsofri umiljazzjoni u *bullying*, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghax hadd ma jsejjah lil Josef bhala Josef Hamid u kulhadd jafu bhala Josef u hija biss f'dokumenti pubblici issa li qieghed jikber li qieghed ikun hemm din id-diffikulta`;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost l-esponent jitlob bir-rispett illi, prevja kull dikjarazzjoni ohra: -

1. Jigi dikjarat illi l-esponent konsistentement kien u ghadu jissejjah bl-isem "Josef minflok bl-isem li jidher fl-att tat-twelid tieghu u cioe' "Josef Hamid";

2. Tordna illi *ai termini* ta' l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, isir tibdil fl-att tat-twelid tal-esponenti fis-sens illi dan jigi registrat bl-isem "Josef minflok "Josef Hamid";

3. Tordna illi *ai termini* ta' l-artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil effettwat fl-att tat-twelid ta' l-esponenti bir-registrazzjoni msemmija aktar 'I fuq jigi rifless f'kull att iehor.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Mejju 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' April 2017 (fol 113) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi *ai termini* **tal-Artikolu 253 sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** l-attrici esebixxiet numru ta' dokumenti li jirrispekkjaw illi l-isem tar-rikorrenti huwa maghruf bhala 'Josef' u mhux 'Josef Hamid'. Minkejja dan,

l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti sabiex jekk tara li hu l-kaz, titlob iktar dokumenti flimkien ma' xhieda affidabbli *viva voce* jew affidavits ta' familjari li ghandhom jikkonfutaw it-tezi tar-rikorrent ossia huwa kien konsistentement msejjah bhala 'Josef' u mhux 'Josef Hamid';

4. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 979 tas-sena 2007, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

5. Illi maghdud mal-premess l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli *stante* li fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, anness u mmarkat bhala 'DOK. DRP 1', kienet proprju l-omm ir-rikorrent, Katrina Schembri, li kienet iddikjarat l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, inkluz l-isem tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini hija stess kienet iffirmat l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, gialadarba Katrina Schembri, id-dikjaranti fuq l-Att tat-Twelid, accettat l-informazzjoni inserita minnha fl-Att u kkonfermat illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma taghha, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u *stante* dan, l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

6. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrent qed jitlob illi barra li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta'

979 tas-sena 2007, ghandha ssir ukoll korrezzjoni fuq atti l-ohra civili. Illi sabiex ikun hemm tali tibdil f' kull att iehor tal-istat civili *a tenur* **tal-Artikolu 253 sub-inciz 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, hija ghandha tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hija qieghda taghmel riferenza ghalihom;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mimzuma il-Hamis, 4 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Ir-rikorrenti prezenti. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi. Dr Stephanie Ellul irrimettiet ruhha, salv fuq il-kap tal-ispejjez, billi insistiet li ma kienx hemm zball. Il-kawza git differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-13 ta' Marzu 2017 (fol 98), u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem u l-kunjom ta' binha minuri, kif registrat fl-att tat-twelid jigi korrett billi "Josef Hamid" jigi sostitwit bl-isem "Josef".

Ikkonsidrat, li r-rikorrenti giet affidata permanentement il-kura u l-kustodja tal-imsemmi minuri b'sentenza datata 28 ta' April 2016, esebita bhala Dok KS2 fejn anke inghatat l-awtorita' li ssiefer lill-minuri u tapplika ghall-hrug ta' passaport ghalih minghajr il-htiega tal-kunsens tal-missier assenti jew l-awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti kompetenti. Inoltre giet fdata bl-awtorita' li tiddeciedi wahidha dwar is-safar u l-edukazzjoni tal-minuri.

Illi jirrizulta mis-senenza surriferita li l-missier abbanduna lil uliedu.

kkonsidrat li l-intimat eccepixxa li ghal dak li jikkoncerna l-mertu, mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz.

Illi fil-mertu, r-rikorrenti, ghandha tipprova li binha minuri huwa konsistentement maghruf bl-isem “Josef”. Ghal dan il-ghan, gew esebiti serje ta’ kopji ta’ karti, tabelli u dokumenti skolastici, kif ukoll kopji ta’ kartolini li juru li sa minn ckunitu, iben ir-rikorrenti kien maghruf bl-isem “Josef”. Dawn id-dokumenti jinsabu esebiti u enumerati minn Dok JS1 sa JS67.

Sussegwentement ghal dawn id-dokumenti, gew esebiti dokumenti ohrajn parrokkjali u dokumenti ohra riferibbilment ghall-hajja kwotidjana tal-minuri li jindikaw l-isem tal-minuri bhala “Josef”. Sinifikanti wkoll, huma c-certifikati tal-maghmudija mahrug mill-Parrocca esebit bhala Dok JS69, u c-certifikat mir-Registru tal-maghmudija, esebit bhala Dok JS75 (fol 97).

Ikkonsidrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia* “l-*atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg, u mewt, u d-disposizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan.*” (**Artikolu 629(b) tal-Kap 12**). Ir-rikorrenti esebiet ic-certifikat tal-maghmudija **Dok JS69,** u certifikat tal-ewwel tqarbina, debitament iffirmata mill-Kappillan, **Dok JS70** fejn isem il-minuri hu indikat bhala “Josef”.

Inoltre`, gew ipprezentati affidavits ta' membri tal-familja materna u ghalliema li kkonfermaw il-fatt li dejjem sejhulu bl-isem “Josef”.

Fid-dawl ta' dawn l-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li gie ppruvat soddisfacentement li l-iben minuri tar-rikorrenti dejjem kien konsistentement maghruf, u dan sa minn tfulitu bl-isem "Josef", u t-talba hija ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid tal-minuri, esebit mill-istess intimat, iffirmat mir-rikorrenti. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Riferibbilment ghat-tielet talba, taqbel ma' dak sottomess fis-sitt eccezzjoni tal-intimat, billi din ma saritx, fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattiva.

Ghaldaqstant, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li terga' tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-iben minuri tar-rikorrenti kien u ghadu konsistentement maghruf u msejjah bl-isem "Josef" u mhux bl-isem indikat fl-att tat-twelid tieghu ta'

“Josef Hamid”. Kwindi, tilqa' ukoll it-tieni talba u tordna lill-intimat biex jikkoregi l-att tat-twelid tal-iben minuri tar-rikorrenti li jgib in-numru progressiv disa' mija u disgha u sebghin tas-sena elfejn u sebgha (979/2007) b’ mod li l-isem “Josef Hamid” jigi sostitwit bl-isem “Josef” u dan abbazi tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta’ Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Gunju 2017**